MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 489/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Giselle Dalli (K.I. 778M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn tmien mija u tmienja u tlettin ewro w tlieta w hamsin centezmu (€2838.53) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1020773 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 w is-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz

kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fl-10 ta' Mejju, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------